**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 14 ta' Jannar 2019**

**Rikors Numru : 403/2018 JPG**

**Kawza Numru : 27**

**DMD**

**Vs**

**AD**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' DMD datat 6 ta' Settembru 2018, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi l-partijiet izzewwgu fid-9 ta' Lulju tas-sena 1995 liema zewg gie registrat mar-registru pubbliku bin-numru progressive X kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat Dok A.*

*Illi l-partijiet issepparaw permezz ta' kuntratt fl-Atti tan-Nutar Robert John Muscat tat-8 ta' Mejju 2007 li kopja tieghu qeghda tigi hawn annessa u mmarkata Dok B;*

*Illi l-partijiet ilhom jghixu hajja separata ghal aktar minn ghaxar snin u ghalhekk huma intitolati biex japplikaw ghad-divorzju.*

*Illi m'hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u l-partijiet huma kuntenti jghixu l-hajja separata taghhom u dan*

*kif jirrizulta mill-affidavit ta' l-esponenti hawn anness u mmarkat Dok C.*

*Illi skond it-termini tal-kuntratt ta' separazzjoni, l-konjugi m'ghandhom jircievu l-ebda manteniment reciproku, filwaqt li huma ma kellhomx tfal minn dan iz-zwieg.*

*Illi dawn il-fatti fuq imsemmija jissodisfaw l-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal ksib ta' divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*In in oltre l-esponenti tixtieq illi terga tirreverti ghall-kunjom xbubitha ossija T.*

*Ghaldaqstant l-esponenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi jogghobha:*

1. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;*

2. *Tordna illi l-esponenti DMD terga tirreverti ghall-kunjom xbubitha, ossija T;*

3. *Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk minn din il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku b'dan il-hall taz-zwieg u bil-bdil fil-kunjom.*

*Bl-ispejjez.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' AD, datat 24 ta' Ottubru 2018, a fol 13 li taqra hekk:

1. *Illi l-esponent ma jopponix ghat-talba ta' DMD u dan stante illi l-kondizzjonijiet kollha mahsuba fl-artikolu 66B tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta huma sodisfatti kif qieghed del resto jigi kkonfermatr mill-esponent stess fl-affidavit tieghu li qieghed jigi ntavolat kontestwalment ma din ir-risposta.*

Rat ir-rikors ta' DMD, datat 1 ta' Novembru 2018, fejn filwaqt li skuzat ruhha peress li ma setghatx tkun prezenti peress li tghix l-Ingilterra, hija talbet lil l-Onorabbli Qorti sabiex taghtiha premess taghti t-testimonjanza taghha permezz tas' Skype (Vide fol 16);

Rat id-digriet taghha tas-6 ta' Novembru 2018, fejn il-Qorti laqghet it-talba ta' DMD fir-rikors datat 1 ta' Novembru 2018, u ghal dan il-ghan innominat lill-Assistent Gudizzjarju Dr.Anna Portelli (Vide fol 17);

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat;**

Mill-provi jirrizulta illi **DMD** zzewget lil AD fid-9 ta' Lulju 1995 (vide Dok A, a fol 4). Xhedet li dan iz-zwieg ma rnexxiex tant illi fit-8 ta' Mejju 2007 hija u zewgha ffirmaw separazzjoni konsenwali permezz ta' kuntratt fl-atti ta' Nutar Robert John Muscat (Vide Dok B a fol 5). L-attrici kkonfermat li hija ilha tghix separatament minn zewgha ghal dawn l-ahhar hdax-il sena, stqarret li ma hemmx manteniment dovut u ma hemmx tfal minn dan iz-zwieg.

Dawn il-fatti regghu gew ikkonfermati fix-xhieda ta' **DMD** quddiem l-Assistent Gudizzjarja Dr. Anna Portelli – vide fol 22 et seqq.

**AD** xehed a fol 20 *et seqq* illi l-partijiet izzewgu fid-9 ta' Lulju 1995, u kkonferma ic-certifikat taz-zwieg u illi minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal. Xehed li kienu ottjenew separazzjoni legali

fis-sena 2007. Xehed illi m'hemm l-ebda pendenzi ta' manteniment u li m'hemm l-ebda tama ta' rikonciljazzjoni.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
> ***[...]***
>
> ***66B. * Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***
> ***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***
> ***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***
>
> ***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***
> ***[...]***

Rat illi mill-provi rrizulta li l-partijiet kienu izzewwgu nhar id-9 ta' Lulju 1995, fir-Registru Pubbliku il-Belt Valletta u minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal (Vide Dok A);

Rat illi l-partijiet huma separati legalment permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Robert John Muscat, datat 8 ta' Mejju 2007 (Vide Dok B);

Jirrizulta ukoll m'hemmx pendenzi rigward hlas ta' manteniment bejn il-partijiet.

Il-Qorti rat illi gie pruvat inoltre li ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi l-partijiet irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;**

**Tawtorizza lil DMD tirriverti ghal kunjom xbubitha, cioe' T u tordna notifika lid-Direttur tar-Registru Pubbliku ghall-azzjoni mehtiega.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**